TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 210/24/F

Miguel Calleja

vs

Healthmark Care Services (Limited) (C 62096)

Illum, 25 ta' Novembru 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-30 ta' Settembru 2024;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata fl-10 ta' Ottubru 2024, l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta Risposta u ġiet dikjarata bħala kontumaċi;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduta tat-18 ta' Novembru 2024;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rimborżat is-somma ta' elf u tmenin Euro (€1,080) prezz li huwa ħallas għal servizz ta' reklutaġġ ta' *live-in carer* għal missieru anzjan.

Illi r-Rikorrent jilmenta li minkejja li ħallas dak kollu mitlub, l-azjenda intimata naqset milli tipprovdi s-servizz miftiehem li kien jinkludi fih ir-reġistrazzjoni tal-impieg tal-*carer* mal-awtoritajiet kompetenti kif ukoll il-ksib ta' permess tax-xogħol u residenza għalih. Jispjega li minn dan ma sar xejn u wara diversi xhur li fihom ma sar prattikament xejn, ġie infurmat mill-azjenda intimata li kellu jagħmel il-proċess ta' reġistrazzjoni huwa stess. Jgħid li jħoss li ġie ingannat u ġie moħli ħafna ħin għal xejn.

Illi minkejja li ġiet debitament notifikata, l-azjenda ma ressqitx Risposta u l-ebda rappreżentant ma deher għas-seduta tat-18 ta' Novembru 2024 quddiem it-Tribunal. Għalhekk, bis-silenzju tagħha, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti skontha.

Illi intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni.

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tagħu skont il-liġi u li dak li qed jitlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur. Għalhekk, it-Talba timmerita akkoljiment.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jordna lill-azjenda intimata sabiex tħallas ossija tirrifondi lir-Rikorrent is-somma ta' elf u tmenin Euro (€1,080) kif mitlub b'mod immedjat.

L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.
Arbitru